Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2004

Appell Kriminali Numru. 125/2004

**Il-Pulizija**

**vs**

**Maria Dolores Agius**
**u**
**Anthony Caruana**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Maria Dolores Agius u Anthony Caruana talli fis-7 ta' Novembru 2003 ghall-habta tad-9:00 am fil-bini tal-Qorti l-Belt Valletta;

1) Ingurjaw heddu jew ghamlu offiza fuq l-ispettur tal-pulizija Joseph Agius, persuna nkarigata skond il-ligi minn


Qrati tal-Gustizzja

servizz pubbliku waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxu fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

2) Bil-hsieb li jtellfu jew inaqqsu l-gieh tal-Ispettur tal-Pulizija Joseph Agius, weggghuh bi kliem, b'gesti jew b’mod iehor;

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta` tal-imsemmi Spettur tal-Pulizija Joseph Agius u tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-1 ta’ Gunju 2004 li permezz taghha dik il-Qorti illiberat lill-imsemmijin Maria Dolores Agius u Anthony Caruana mill-ewwel imputazzjoni filwaqt li ddikjarat it-tieni imputazzjoni preskritta u lliberathom minnha wkoll;

Rat ir-rikors ta' appell tal-Avukat Generali pprezentat fl-10 ta’ Gunju 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma u tibdel is-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha f’dik il-parti fejn l-imputati appellati gew liberati mill-ewwel imputazzjoni, thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn l-azzjoni fir-rigward tat-tieni mputazzjoni giet dikjarata preskritta u minflok, wara li jinstemghu il-provi, issib u tiddikjara htija tal-istess appellati f’din l-akkuza u tinfliggi l-piena skond il-ligi, jew inkella, minhabba l-beneficcju tad-doppju ezami, tibghat l-atti lill-ewwel Qorti ghall-procediment bis-smiegh tal-kawza u decizjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-Avukat Generali jirrigwarda l-fatt li l-ewwel Qorti lliberat lill-appellati (allura imputati) mit-tieni

imputazzjoni fuq il-bazi li l-azzjoni kienet preskritta meta fil-fatt u skond il-ligi, isostni l-Avukat Generali, dan ma kienx il-kaz. Huwa jghid li meta fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti qalet li t-tieni imputazzjoni kienet preskritta bit-trapass ta' tliet xhur, kienet qed tittratta ma' dan ir-reat bhala wiehed ta' natura kontravvenzjonali minhabba li l-piena kienet wahda ghall-kontravvenzjonijiet. L-Avukat Generali jkompli jghid fir-rikors ta' appell li dan mhuwiex minnu u li l-artikolu 252 tal-Kodici Kriminali jistipula fis-sub-inciz (1) il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux aktar minn tliet xhur jew il-multa, mentri taht l-ipotezi fis-sub-inciz (2) il-piena stabbiliti ghall-kontravvenzjonijiet; b'danakollu, fi kwalunkwe kaz, ir-reat jibqa' wiehed li legalment ghandu jigi kkunsidrat bhala delitt. Konsegwentement, ghall-fini ta' preskrizzjoni kien applikabbli fil-kaz odjern il-paragrafu (e) ta' l-artikolu 688 tal-Kodici Kriminali u mhux il-paragrafu (f), u cioe` preskrizzjoni ta' sentejn ghad-delitti suggetti ghall-piena ta' kontravvenzjonijiet.

Issa, m'hemm l-ebda dubju li permezz tat-tieni imputazzjoni l-appellati gew addebitati bi ksur ta' l-artikolu 252 tal-Kap. 9. Is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jiddisponi hekk:

**"Kull min, bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' xi hadd, iweggghu bi kliem, b'gesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod iehor, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux aktar minn tliet xhur jew il-multa"**.

Galadarba l-piena ghal dan ir-reat ta' "ingurji" hija dik tal-prigunerija jew dik tal-multa, tali reat ghandu jigi kkunsidrat bhala delitt u mhux kontravvenzjoni.[1] Ghalhekk, nonostante dak li jinghad fis-subartikolu sussegwenti, ir-reat in kwistjoni jibqa' min-natura tieghu delitt. Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 252 fil-fatt jipprovdi:

**"Jekk l-ingurja ssir bi kliem mhux imfisser car jew b'canfir mhux specifikat inkella bi kliem jew eghmil li**

[1] Ara l-artikolu 7 tal-Kap. 9 li jiddistingwi bejn il-pieni ghad-delitti u dawk ghall-kontravvenzjonijiet.

**jkun biss mhux xieraq, il-hati jehel il-pieni stabbiliti ghall-kontravvenzjonijiet"**.

L-ingurja tibqa' wahda taht is-subartikolu (1), li huwa s-subartikolu li johloq id-delitt in kwistjoni, izda jekk jezistu c-cirkostanzi msemmija fis-subartikolu (2) il-piena tkun inqas u tkun xi wahda minn dawk stabbiliti ghall-kontravvenzjonijiet.

Stante li t-tieni imputazzjoni dedotta kontra l-appellati hija delitt, irid jigi ezaminat liema perijodu preskrittiv huwa applikabbli ghaliha. Il-paragrafu (e) ta' l-artikolu 682 tal-Kap. 9 jipprovdi li fil-kaz ta' "delitti suggetti ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew ghall-pieni tal-kontravvenzjonijiet", l-azzjoni kriminali taqa' "bl-eghluq ta' sentejn". Fil-kaz tad-delitt in dizamina, il-piena ghall-ingurji taht is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 252 tal-Kap. 9 hija ta' prigunerija ghal zmien mhux aktar minn tliet xhur jew il-multa, u jekk jissussistu c-cirkostanzi msemmija fis-subartikolu (2) il-piena hija dik ghall-kontravvenzjonijiet. F'kull kaz ghalhekk il-perijodu preskrittiv huwa ta' sentejn kif determinat mill-paragrafu (e) ta' l-artikolu 682 tal-Kap. 9. Ghalhekk l-ewwel Qorti kienet erroneja meta kkonkludiet li l-azzjoni kienet preskritta a tenur tal-paragrafu (f) ta' l-imsemmi artikolu 682. U peress li mid-data ta' l-allegat reat - is-7 ta' Novembru 2003 - sad-data tan-notifika tac-citazzjoni u sahansitra sallum stess, ghadu ma ddekorriex il-perijodu preskrittiv ta' sentejn, l-azzjoni ghadha mhijiex preskritta.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn l-appellati gew liberati mill-ewwel imputazzjoni izda tirrevokaha f'dik il-parti fejn it-tieni imputazzjoni giet dikjarata bhala preskitta u l-appellati lliberati minnha u tiddifferixxi l-appell ghat-3 ta' Novembru 2004 fid-9.00 a.m. ghall-provi u trattazzjoni dwar it-tieni imputazzjoni.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------